29_5_10_pg6 5/29/10 5:07 PM Page 1



## Jammetti li wettaq hold-up

Jeffrey Attard ta' 29 sena kien ikkundannat sentejn habs sospiżi ghal erba' snin wara li ammetta quddiem il-Maġistrat Edwina Grima li fl-20 ta' Mejju li ghadda kkommetta *hold-up*.

Iż-żagħżugh li huwa mill-Belt Valletta ammetta li wettaq dan ir-reat fi Triq-Merkanti fil-Belt stess fil-konfront ta' Clothilde Mifsud ta' 71 sena u Marian Caruana ta' 56 sena.

Huma ammetta li seraq flus minn fuq iż-żewġ persuni, u li kellu fil-pusses tieghu arma. Ammetta wkoll li seraq diversi oġġetti ohra u li fis-27 ta' Mejju flimkien ma' Daniela Nappa mill-Belt fi Triq ir-Repubblika, serqu birra ghad-dannu tal-kumpanija Simonds Farsons Cisk. Nappa ammettiet ukoll is-serq u tpoġġiet fuq *probation* ghal tliet snin.

Il-Prosekuzzjoni tmexxiet mill-Ispettur James Grech u d-difiża kienet immexxija mill-Avukat tal-Ghajnuna Legali Yana Micallef Stafrace.

RRB
Registration and Review Board
Environmental Impact Assessment

Il-Bord ta' Reġistrazzjoni u Reviżjoni jgħarraf li ġiet imnedija konsultazzjoni pubblika dwar il-proposta tar-Regolamenti għar-Reġistrazzjoni ta' Konsulenti Ambjentali, 2010

Dawn ir-regolamenti, u dokumenti relatati, jistgħu jitniżżlu minn www.rrb.gov.mt

Kummenti għandhom jintbagħtu bl-emal fuq rrb@gov.mt jew bil-posta lis-Segretarja, Att: Ms Karina Fiorini, Il-Bord tar-Reġistrazzjoni u Reviżjoni, c/o Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa tal-Italja, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1170 sa mhux aktar tard mill-10 ta' Ġunju 2010.

EUROPA TOURS
www.europatours.org

Ljubljana & the Three Countries — 8 days
Slovenia - Croatia - Italy
19 - 26 July | 16 - 23 August
23 - 30 August | 06 - 13 September
Bled, Portoroz, Koper, Izola, Piran, Zagreb, Postojna Caves, Bohinj, Trieste
Include Half board, All Excursions & Tax
P/P double room €743

France, Germany, Switzerland — 8 days
Incl. The Black Forest & Europa Park
Departures from June to October
Mulhouse, Stuttgart, Colmar, Lucerne, Titisee, Triberg, Mannlichen Mt. ecc...
Include All Excursions & Tax
P/P double room €660
children under 12 €399

Lago Di Garda & The Dolomites — 8 days
22 - 29 Jul | 12 - 19 Aug | 19 - 29 Aug
Venice, Verona, Sirmione, Gardaland, Moena, Canazei, Lazise, Movieland ecc...
Include Half board, All Excursions & Tax
P/P double room €648
children under 12 €459

Bella Toscana — 8 days
19 - 26 Jun | 17 - 24 Jul | 7 - 14 Aug
21 - 28 Aug | 11 - 18 Sep | 9 - 16 Oct
Venice, Verona, Sirmione, Gardaland, Moena, Canazei, Lazise, Movieland ecc...
Includes 4 Star Hotel in Montecatini, Half board, All Excursions & Tax
June & October €720
July to September €822

Italia Delle Meraviglie — 8 days
with a touch of Switzerland
18 - 25 August | 10 - 17 September
Arona, Locarno, Ascona, Lugano, Como, Zermatt, Vigezzo Valley, Borromeo Island
Include Half board, All Excursions & Tax
P/P double room €770

Four Countries Tour — 8 days
Belgium, Holland, Germany & France
23 - 30 Jul
15 - 22 Aug *Incl. Flower Carpet Display
Brussels, Maastricht, Cologne, Lille, Bruges, Walibi Theme Park, Namur ecc...
Include All Excursions & Tax
P/P double room €740

Costa Amalfitana — 8 days
Sorrento, Amalfi & Capri
22 - 29 Jul | 26 Aug - 02 Sep | 9 - 16 Oct
Napoli, Pompei, Caserta, Positano ecc...
Include Half board, All Excursions & Tax
P/P double room €715

Blackpool — 8 days
14 - 21 Aug | 01 - 08 Sep
Lake District, Ambel Side, Manchester, Windermere, York, Chester, Llandudno ecc...
Include Half board, All Excursions & Tax
P/P double room €830

31 St Anne Street Floriana (Taħt il-Loġoġ) Tel: 2125 0526 • 2124 3562



Is-Segretarju Parlamentari Chris Said li flimkien mal-Assistent Parlamentari Franco Debono fiż-Żurrieq inawgura wkoll Librerija Pubblika (Ritratt: Nicholai Mifsud)

# Il-Kunsill taż-Żurrieq jinvesti f'enerġija nadifa

Bl-ghajnuna ta' żewġ sistemi li jiġġeneraw enerġija alternattiva, il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq se jkun kapaċi jiffranka sa 5,400 *unit* ta' dawl elettriku. Dan ifisser li l-Kunsill Lokali se jiffranka sa €1,080 fis-sena. Hu stmat ukoll li l-Kunsill Lokali se jnaqqas l-emissjonijiet fl-arja bi 2.6 tunnellata ta' $CO_2$ fis-sena.

Is-sistemi kienu finanzjati permezz ta'€7,669 li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali permezz tal-Iskema ghall-Enerġija Alternattiva.

Fi żjara li ghamel fil-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, Chris Said, is-Segretarju Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali, fahhar l-inizjattiva tal-Kunsill li jinvesti f'dawn is-sistemi ghall-ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva billi uża skema ta' finanzjament li nieda l-Gvern.

F'dawn is-sentejn, il-Gvern se jkun ta madwar €615,000 f'inċentivi biex il-Kunsilli Lokali jipproduċu huma stess enerġija alternattiva. Din is-sena 48 Kunsill Lokali ssottomettew 63 applikazzjoni biex bejniethom jaqsmu madwar €300,000. Is-sena li ghaddiet, 44 Kunsill Lokali hadu bejniethom €315,000.

Intant fiż-Żurrieq, is-Segretarju Parlamentari, flimkien mal-Assistent Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Franco Debono, inawgura wkoll Librerija Pubblika li kienet rinovata dan l-ahhar bl-ghajnuna tal-*Malta Branch Libraries* u bl-ghajnuna finanzjarja tas-Segretarjat Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali.

IL-MONTI TA' MARSAXLOKK
TA' KULL NHAR TA'ĦADD QED JARMA TEMPORANJAMENT MINN TAS-SILĠ SA' QUDDIEM IL-KNISJA



KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK
Assoċjazzjoni Bejjiegħa tal-Monti

**RRB** Registration and Review Board
Environmental Impact Assessment

Il- Bord ta' Reġistrazzjoni u Reviżjoni jgħarraf li ġiet imnedija konsultazzjoni pubblika dwar il-proposta tar-Regolamenti għar-Reġistrazzjoni ta' Konsulenti Ambjentali, 2010.

Dawn ir-regolamenti, u dokumenti relatati, jistgħu jitniżżlu minn www.rrb.gov.mt

Kummenti għandhom jintbagħtu bl-email fuq rrb@gov.mt jew bil-posta lis-Segretarja, Att: Ms Karina Fiorini, Il-Bord ta' Reġistrazzjoni u Reviżjoni, c/o Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa tal-Italja, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1170 sa mhux aktar tard mill-10 ta' Ġunju 2010.